KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fil-11 ta' Frar 2021 [1]

Kawża C-39/20

Staatssecretaris van Financiën
vs
Jumbocarry Trading GmbH

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Terminu ta' notifika ta' djun doganali — Sospensjoni tat-terminu ta' notifika — Preskrizzjoni tad-dejn doganali — Applikazzjoni fiż-żmien tad-dispożizzjoni li tirregola r-raġunijiet għal sospensjoni — Prinċipju ta' ċertezza legali — Prinċipju ta' aspettattivi leġittimi"

1. Fl-1992, il-leġiżlatur Komunitarju ddeċieda li jiġbor f'test wieħed id-dispożizzjonijiet tad-dritt doganali li sa dak il-mument kienu mifruxa. Ir-riżultat ġie kkonkretizzat bir-Regolament (KEE) Nru 2913/92, li waqqaf il-"Kodiċi Doganali tal-Komunità" (iktar 'il quddiem il-"KDK") [2].

2. Il-KDK ġarrab emendi sussegwenti, sakemm ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 [3], li stabbilixxa l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"KDU"), irrevokah.

3. Skont l-Artikolu 288 tal-KDU, uħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu huma applikabbli mit-30 ta' Ottubru 2013, filwaqt li oħrajn huma applikabbli biss mill-1 ta' Mejju 2016 [4]. Fost dawn tal-aħħar hemm l-Artikoli 103 u 124 tal-KDU, rispettivament dwar is-sospensjoni tat-terminu għan-notifika tad-dejn doganali u dwar l-estinzjoni tiegħu.

4. Il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tinterpreta l-Artikolu 103(3)(b), u l-Artikolu 124(1)(a) tal-KDU.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307).

[3] Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269. p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2).

[4] Skont l-Artikolu 287 tiegħu, id-dħul fis-seħħ tal-KDU seħħ fit-30 ta' Ottubru 2013, jiġifieri, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-ĠU tal-10 ta' Ottubru 2013. L-Artikolu 288 jipprevedi liema huma l-artikoli li japplikaw mit-30 ta' Ottubru 2013 u liema mill-1 ta' Mejju 2016.

5. Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk dispożizzjoni tal-KDU tistax tissospendi t-terminu ta' preskrizzjoni ta' dejn doganali waqt li dan it-terminu jkun għadu pendenti, b'tali mod li tiġi estiża, ulterjorment mid-data li fiha dan id-dejn ikun preskritt taħt il-KDK, id-data li fiha l-awtoritajiet doganali setgħu jinnotifikawh (u jirkuprawh).

I. Id-dritt tal-Unjoni

A. Il-Kodiċi Doganali Komunitarju (KDK)

6. L-Artikolu 221(1), (3) u (4) jipprovdi:

"1. Malli jkun iddaħħal fil-kontijiet (tad-dejn doganali), l-ammont ta' dazju għandu jiġi kkomunikat lid-debitur skond il-proċeduri li jkunu xierqa.

[…]

3. Ma għandhiex issir komunikazzjoni mad-debitur wara t-temma ta' perijodu ta' tliet snin mid-data li fiha ntefaq id-dejn mad-dwana. Dan il-perijodu ta' żmien għandu jiġi sospiż mal-waqt tad-depożitu ta' appell fit-tifsira ta' l-Artikolu 243, għal matul il-proċedimenti ta' l-appell.

4. Fejn id-dejn mad-dwana huwa riżultat ta' att li, fiż-żmien li kien kommess, kien jista' jwassal għal proċedimenti kriminali tal-qorti, l-ammont jista', skond il-kondizzjonijiet preskritti fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ, jiġi komunikat lid-debitur wara li jgħaddi l-perijodu ta' tliet snin riferit fil-paragrafu 3".

B. Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

7. L-Artikolu 22(6) jipprovdi:

"6. Qabel tittieħed deċiżjoni li taffettwa b'mod negattiv lill-applikant, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkomunikaw ir-raġunijiet li fuqhom bi ħsiebhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom lill-applikant, li għandu jingħata l-opportunità li jesprimi l-opinjoni tiegħu f'perijodu preskritt mid-data li fiha jkun irċieva dik il-komunikazzjoni jew li fiha jitqies li jkun irċeviha. Wara li jiskadi dak il-perijodu, l-applikant għandu jkun mgħarraf, fil-mod xieraq, bid-deċiżjoni".

8. L-Artikolu 29 jistabbilixxi li:

"Ħlief meta awtorità doganali taġixxi bħala awtorità ġudizzjarja, l-Artikoli 22(4), (5), (6) u (7), l-Artikolu 23(3) u l-Artikoli 26, 27 u 28 għandhom japplikaw ukoll għad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet doganali mingħajr ma ssir applikazzjoni minn qabel mill-persuna kkonċernata."

9. L-Artikolu 103(1) u (3)(b), jipprevedi:

"1. L-ebda dejn doganali m'għandu jkun notifikat lid-debitur wara l-iskadenza ta' perijodu ta' tliet snin mid-data li fiha nħoloq id-dejn doganali.

[…]

3. Il-perijodi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu sospiżi fejn:

[…]

(b) l-awtoritajiet doganali jikkomunikaw lid-debitur, skont l-Artikolu 22(6), ir-raġunijiet għaliex biħsiebhom jinnotifikaw id-dejn doganali; tali sospensjoni għandha tapplika mid-data ta' dik il-komunikazzjoni sal-aħħar tal-perijodu li matulu d-debitur jingħata l-opportunità jesprimi l-fehma tiegħu".

10. Skont l-Artikolu 124(1)(a):

"1. Mingħajr ħsara għall-provvedimenti fis-seħħ dwar in-nuqqas ta' rkupru tal-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew esportazzjoni li jikkorrispondi għad-dejn doganali fil-każ tal-insolvenza tad-debitur stabbilita b'mod ġudizzjarju, dejn doganali fuq l-importazzjoni jew esportazzjoni għandu jkun estint b'xi mod minn dawn li ġejjin:

(a) f'każ li d-debitur ma jistax jiġi nnotifikat aktar dwar id-dejn doganali, skont l-Artikolu 103".

11. L-Artikolu 288 jipprovdi li:

"1. L-Artikoli 2, 7, 8, 10, 11, 17, 20,21, 24, 25, 31, 32, 36, 37, 40, 41, 50, 52, 54, 58, 62, 63, 65, 66, 68, 75, 76, 88, 99, 100, 106, 107, 115, 122, 123, 126, 131, 132, 138, 142, 143, 151, 153, 156, 157, 160, 161, 164, 165, 168, 169, 175, 176, 178, 180, 181, 183, 184, 186, 187, 193, 196, 200,, 206, 207, 209, 212, 213, 216, 217, 221, 222, 224, 225, 231, 232, 235, 236, 239, 253, 265, 266, 268, 273, 276, 279, 280,281,283, 284, 285 u 286 għandhom japplikaw minn 30 ta' Ottubru 2013.

2. L-Artikoli għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw minn 1 ta' Mejju 2016".

C. Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2446 [5]

12. L-Artikolu 8(1) jipprovdi li:

"1. Il-perjodu għall-applikant sabiex jesprimi l-opinjoni tiegħu qabel tittieħed deċiżjoni li taffettwah ħażin għandu jkun ta' 30 jum".

II. Il-fatti, il-kawża u d-domandi preliminari

13. Jumbocarry Trading GmbH (iktar 'il quddiem "Jumbocarry") hija kumpannija li għandha s-sede tagħha fil-Ġermanja. Fl-4 ta' Lulju 2013, hija ppreżentat fil-Pajjiżi l-Baxxi dikjarazzjonijiet ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera ta' lott ta' biċċiet tal-porċellana. Fid-dikjarazzjonijiet indikat lill-Bangladexx bħala l-pajjiż ta' oriġini tal-biċċiet, b'tali mod li ġiet applikata rata preferenzjali ta' dazji doganali ta' żero fil-mija.

[5] Regolament Delegat tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Lulju 2015, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 343, p. 1; iktar 'il quddiem ir-"RDKDU").

14. Fl-1 ta' Ġunju 2016, wara li qies li ċ-ċertifikat ta' oriġini tal-merkanzija kien falz, l-Inspecteur van de Belastingdienst (l-Ispettur tal-Amministrazzjoni Fiskali; iktar 'il quddiem l-"Inspecteur") informa bil-miktub lil Jumbocarry li huwa xtaq jipproċedi għall-irkupru *a posteriori* tad-dazji doganali, bir-rata normali ta' 12 %. F'din l-istess ittra, hija ngħatat il-possibbiltà li tressaq l-osservazzjonijiet tagħha f'terminu ta' 30 jum.

15. Fit-18 ta' Lulju 2016, l-Amministrazzjoni nnotifikat lil Jumbocarry ordni ta' ħlas tad-dejn doganali.

16. Jumbocarry appellat minn din id-deċiżjoni quddiem ir-rechtbank Noord-Holland (il-Qorti Distrettwali ta' Noord-Holland, il-Pajjiżi l-Baxxi), li ddeċidiet favuriha minħabba li d-dejn doganali kien diġà preskritt peress li kienu għaddew tliet snin mit-tnissil tiegħu (l-4 ta' Lulju 2013).

17. L-Inspecteur appella mis-sentenza tal-ewwel istanza quddiem il-Gerechtshof Amsterdam (il-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), li ċaħdet l-appell tiegħu permezz ta' sentenza tas-27 ta' Frar 2018.

18. L-iStaatssecretaris van Financiën (is-Segretarju tal-Istat għall-Finanzi, il-Pajjiżi l-Baxxi) appella fil-kassazzjoni quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) li, peress li kellha dubji dwar l-effetti *ratione temporis* ta' ċerti regoli tal-KDU, ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dawn id-domandi preliminari:

"1) L-Artikolu 103(3)(b) u l-Artikolu 124(1)(a) tar-[Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni], huma applikabbli għal dejn doganali inkors qabel l-1 ta' Mejju 2016 u fejn it-terminu ta' preskrizzjoni tiegħu ma kienx għadu skada f'dik id-data?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, il-prinċipju ta' ċertezza legali jew il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi jipprekludi din l-applikazzjoni?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Jannar 2020.

20. Tressqu osservazzjonijiet bil-miktub minn Jumbocarry, mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament.

21. Il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat lill-partijiet u lill-intervenjenti fid-deċiżjoni preliminari xi mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub [6] dwar:

– L-eventwali inċidenza f'din it-tilwima tat-tagħlim li jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B., b'mod partikolari mill-punt 42 tagħha [7].

[6] Il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament wieġbu (madankollu Jumbocarry ma weġbitx).

[7] Sentenza C-42/17, EU:C:2017:936; iktar 'il quddiem is-"sentenza Taricco II". Sa fejn il-punt 42 ta' din is-sentenza jinkludi riferiment speċifiku għas-"sentenza Taricco, punt 57, u [għall-]ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iċċitata f'dak il-punt", il-mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja testendi, impliċitament, għar-riperkussjonijiet tas-sentenza tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Taricco I"), dwar din il-kawża.

– Il-klassifikazzjoni tad-dejn doganali kkontestat bħala riżultat ta' att li jista' jagħti lok għal proċeduri kriminali fil-mument meta dan ikun sar, b'riferiment għas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, A [8] (punti 54 sa 62).

– L-analoġija tal-komunikazzjoni prevista fl-Artikolu 22(6), fir-rigward tal-Artikolu 29 tal-KDU, ma' dik imsemmija fl-Artikolu 221(3) tal-KDK, li tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin skont is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, CEVA Freight Holland [9] (punti 43, 45, 46 u 48).

IV. Analiżi

A. Preċiżazzjonijiet preliminari

22. Qabel ma nittratta r-risposta lill-Hoge Raad der Nederlanden, ser nagħmel xi preċiżazzjonijiet dwar il-mistoqsijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet lill-partijiet u lill-intervenjenti fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari.

23. Dawn il-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jqiegħdux f'dubju l-fatti deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju [10]. Għall-kuntrarju, jekk nassumuhom, il-qorti *a quo* tkun tista' tingħata perspettiva tad-dritt tal-Unjoni li ma tikkoinċidix eżattament ma' dik indirizzata minnha.

24. Xejn ma jipprekludi lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tagħti lill-qorti nazzjonali indikazzjonijiet, ibbażati fuq il-proċess tal-kawża u fuq l-osservazzjonijiet sottomessi lilha, dwar aspetti li ma ġewx indirizzati fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, jekk tikkunsidrahom rilevanti sabiex ittejjeb il-kollaborazzjoni tagħha mal-qorti tar-rinviju.

1. Klassifikazzjoni tal-att li minnu jirriżulta d-dejn doganali u l-konsegwenzi tiegħu fuq it-terminu ta' preskrizzjoni

25. Skont l-Artikolu 221(4) tal-KDK, "[f]ejn id-dejn mad-dwana huwa riżultat ta' att li, fiż-żmien li kien kommess, kien jista' jwassal għal proċedimenti kriminali tal-qorti, l-ammont jista', skond il-kondizzjonijiet preskritti fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ, jiġi komunikat lid-debitur wara li jgħaddi l-perijodu ta' tliet snin [minn meta ġie fis-seħħ id-dejn]".

26. Minkejja li din id-dispożizzjoni jew paragrafi oħra tal-istess Artikolu 221 tal-KDK ma kinux jużaw it-terminu *preskrizzjoni*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li t-terminu ta' tliet snin li jirreferu għalih kien, proprjament, terminu ta' preskrizzjoni tad-dejn doganali [11].

[8] C-522/16, EU:C:2017:778; iktar 'il quddiem is-"sentenza A".

[9] C-249/18, EU:C:2019:587; iktar 'il quddiem is-"sentenza CEVA".

[10] Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-2 ta' April 2020, Coty Germany (C-567/18, EU:C:2020:267, punt 22), "[p]eress li hija l-qorti tar-rinviju biss li hija kompetenti sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża li jkollha quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-prinċipju, tillimita l-eżami tagħha għall-elementi ta' evalwazzjoni li l-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissottometti quddiemha, u għalhekk, għandha timxi abbażi tas-sitwazzjoni li din il-qorti tikkunsidra bħala stabbilita".

[11] Fir-realtà, hija tippreskrivi "l-azzjoni ta' rkupru tad-dejn doganali […] li tammonta għall-preskrizzjoni ta' l-istess dejn", skont is-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Molenbergnatie (C-201/04: EU:C:2006:136; iktar 'il quddiem is-"sentenza Molenbergnatie", punt 42).

27. Għaldaqstant, "skont ġurisprudenza stabbilita, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 221(3) tal-[KDK] tistipula *regola ta' preskrizzjoni* li tipprovdi li l-komunikazzjoni tal-ammont tad-dazji tal-importazzjoni jew tad-dazji għall-importazzjoni dovuti ma tistax issir wara li jkun skada t-terminu ta' tliet snin li jibda jiddekorri mid-data li fiha jinħoloq id-dejn doganali" [12].

28. Għalhekk, skont l-imsemmi Artikolu 221(4) tal-KDK, it-*terminu ta' preskrizzjoni* tad-dejn doganali stabbilit minn dan il-kodiċi ma jkunx limitat għal tliet snin, meta d-dejn "huwa riżultat ta' att li […] jista' jwassal għal proċedimenti kriminali tal-qorti".

29. Huwa b'dan il-mod li l-Qorti tal-Ġustizzja evalwat dan f'kawża fejn il-merkanzija kienet ġiet irrilaxxata għal ċirkulazzjoni libera b'mod illegali, wara li saret dikjarazzjoni doganali bbażata fuq informazzjoni falza [13].

30. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja li r-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera jikkostitwixxi wieħed mill-fatti li jagħtu lok għad-dejn doganali ta' -importazzjoni elenkati fl-Artikolu 201(1) tal-KDK, "din il-kunsiderazzjoni ma timplikax li tali dejn ma 'jirriżultax' fis-sens tal-Artikolu 221(4) tal-Kodiċi Doganali, minn atti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali" [14].

31. Għalhekk, it-terminu previst fl-Artikolu 221(3) tal-KDK seta' jeċċedi tliet snin meta l-fatti li taw lok għad-dejn doganali kienu suġġetti għal proċedimenti kriminali tal-qorti [15].

32. Din l-istess regola, b'varjanti żgħar, tinsab fl-Artikolu 103(2) tal-KDU [16]. Bis-saħħa tagħha, jekk id-dejn doganali jitnissel minn sors ta' att li jista' jagħti lok għal proċeduri ġudizzjarji kriminali, it-terminu għan-notifika jista' jestendi sa minimu ta' ħames snin u sa massimu ta' għaxar snin.

33. Il-qorti tar-rinviju tista', għalhekk, sa fejn ir-regoli proċedurali tagħha jippermettulha [17], tiddetermina jekk, f'dan il-każ, is-sitwazzjoni hijiex analoga għal dik eżaminata fis-sentenza A.

34. Kollox jidher li jindika li dan huwa l-każ, ladarba, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, fil-komunikazzjoni indirizzata lil Jumbocarry fl-1 ta' Ġunju 2016, l-Inspecteur kellu dubji dwar l-oriġini vera tal-merkanzija ddikjarata u afferma l-*falsità* [18] taċ-ċertifikat ta' oriġini.

[12] Sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010, Agra (C-75/09, EU:C:2010:352, punt 30), li jiċċita s-sentenza Molenbergnatie (punt 39), u tas-16 ta' Lulju 2009, Snauwaert *et* (C-124/08 u C-125/08, EU:C:2009:469, punt 28). Mingħajr korsiv fl-oriġinali.

[13] Sentenza A. F'din il-kawża, kumpannija li għandha s-sede tagħha fil-Ġermanja għamlet diversi dikjarazzjonijiet għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Pajjiżi l-Baxxi ta' oġġetti provenjenti mill-Brażil u mill-Arġentina. L-awtoritajiet doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi qiesu li kienet inħolqot, fost numru ta' operaturi oħra, katina ta' tranżazzjonijiet li permezz tagħha "l-prezz inizjali ta' prodotti […], mixtrija mingħand fornituri indipendenti Sudamerikani, kien artifiċjalment miżjud matul it-tranżazzjonijiet sussegwenti, b'mod li l-prezz tal-importazzjoni cif inkwistjoni kien ogħla mill-prezz indikattiv, sabiex jiġi evitat il-ħlas ta' dazji addizzjonali msemmija fir-Regolamenti […]" (punt 24). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, "sa fejn il-fatt li tkun ingħatat informazzjoni falza jkun wassal għall-assenza tal-irkupru komplet jew parzjali ta' tali dazji addizzjonali, hemm lok li jitqies li tali dejn doganali 'jirriżulta', fis-sens tal-Artikolu 221(4) tal-Kodiċi Doganali, mill-provvista ta' din l-informazzjoni" (punt 57).

[14] *Ibidem*, punt 58.

[15] *Ibidem*, punt 61.

[16] Artikolu (103)(2): "Fejn id-dejn doganali nħoloq bħala riżultat ta' att li, fiż-żmien li sar, seta' jwassal għal proċedimenti kriminali fil-qorti, il-perijodu ta' tliet snin stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun estiż għal perijodu minimu ta' ħames snin u massimu ta' 10 snin f'konformità mal-liġi nazzjonali".

[17] Skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex possibbli, fil-kuntest ta' appell, li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' aġir li jista' jagħti lok għal proċedimenti ġudizzjarji jekk il-qrati tal-istanza u tal-appell ma jkunux ikkonstatawh.

[18] Punt 2.3 tad-deċiżjoni ta' rinviju. Fis-sentenza A, punt 45, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat, billi rreferiet għall-Artikolu 201 tal-KDK, li "minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li informazzjoni li tkun serviet ta' bażi għall-istabbiliment ta' dikjarazzjoni doganali għandha titqies bħala 'falza' […] meta din twassal sabiex id-dazji fuq l-importazzjoni kollha jew parti minnhom legalment dovuti ma jiġux irkuprati".

35. Jekk il-qorti *a quo* tikkorrobora l-fatt li l-att li jagħti lok għad-dejn doganali ta' Jumbocarry kien suġġett għal proċeduri ġudizzjarji, dan id-dejn, imnissel fl-4 ta' Lulju 2013, ma tkunx intemmet, bi preskrizzjoni, la fl-1 ta' Ġunju 2016 (data tal-komunikazzjoni tal-Inspecteur) u lanqas fit-8 ta' Lulju 2016 (data tal-ordni ta' ħlas).

36. F'dan il-kuntest, ma hemmx ħtieġa li tiġi indirizzata l-analiżi tal-effett li, skont il-KDK jew il-KDU, kellhom l-atti li ssospendew, fis-sena 2016, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin tad-dejn doganali. Nirrepeti – dan it-terminu ta' tliet snin ma jkunx dak applikabbli f'dan il-każ.

2. Komunikazzjoni lid-debitur fil-KDK

37. Il-komunikazzjoni lid-debitur tal-ammont tad-dazji doganali, ikkalkolat mill-awtoritajiet doganali mill-mument li kellhom l-elementi indispensabbli għad-dispożizzjoni [19], kellha ssir skont "proċeduri xierqa" u f'terminu massimu ta' tliet snin li jibda jiddekorri mit-tnissil ta' dan id-dejn skont l-Artikolu 221(1) u (3) tal-KDK.

38. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq din il-*komunikazzjoni* billi fissret, fir-rigward tal-forma u tal-kontenut tagħha, li "[…] huma l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat li għandhom jiggarantixxu komunikazzjoni li tippermetti li l-persuna responsabbli għall-ħlas tad-dejn doganali tkun mgħarrfa kif jixraq bid-drittijiet tagħha" [20]. Min-naħa l-oħra, ma kienx indispensabbli li hija tikkonforma ruħha ma' regoli proċedurali speċifiċi [21].

39. Fir-rigward tal-effetti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "l-komunikazzjoni lid-debitur […], li twassal, konformement mal-Artikolu 221(3) tal-[KDK], għall-*interruzzjoni* tat-terminu ta' preskrizzjoni" li fl-iskadenza tiegħu d-dejn doganali jiġi estint [22].

40. Il-"komunikazzjonijiet" imsemmija, minn naħa, mill-Artikolu 221(1) u (3) tal-KDK u, min-naħa l-oħra, mill-Artikoli 22(6) u 103(3)(b) tal-KDU għandhom punti ta' konnessjoni notevoli. Filwaqt li ma jikkoinċidux fl-elementi kollha tagħhom [23] dawn jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi, jitqiesu li huma atti amministrattivi li għandhom kontenut ekwivalenti, jekk wieħed jadotta l-approċċ li l-Qorti tal-Ġustizzja użat fl-interpretazzjoni tal-ewwel wieħed minn dawn l-artikoli.

41. Il-KDK ma pprevediex, b'mod espress, li jiġu żvelati lid-debitur, qabel l-adozzjoni tiegħu, id-deċiżjonijiet amministrattivi sfavorevoli għall-interessi tiegħu. Kif diġà esponejt, dan kien jillimita ruħu jtenni li l-Amministrazzjoni kellha tinforma lid-debitur, skont modalitajiet xierqa, bl-ammont tad-dazji, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tliet snin mit-tnissil tad-dejn doganali.

[19] Artikolu 217 tal-KDK. Meta l-ammont tad-dazji dovuti kien jikkorrispondi mal-ammont indikat fid-dikjarazzjoni doganali, il-komunikazzjoni ma kinitx iktar neċessarja, fejn din kienet tiġi ssostitwita bir-rilaxx tal-merkanzija mill-awtoritajiet doganali (ara l-Artikolu 221(2) tal-KDK).

[20] Sentenza Molenbergnatie, punt 53. Il-kwistjoni kienet għalhekk dwar jekk kienx ammissibbli bħala komunikazzjoni ta' dokument li "bl-ebda mod ma jirreferi għall-Artikolu 221 tal-[KDK] u lanqas ma jippreċiża li huwa komunikazzjoni lid-debitur ta' l-ammont ta' dazji", skont il-formulazzjoni tar-raba' domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju, riprodotta fil-punt 24.

[21] *Ibidem*, punti 53 u 54, kif ukoll ir-raba' dispożittiv.

[22] Is-sentenza CEVA, punt 47. Mingħajr korsiv fl-oriġinali.

[23] Ma hijiex, għalhekk, ekwiparazjoni awtomatika jew ġeneralizzata: fuq dan il-punt naqbel mat-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja (punti 15 *et seq*). Nipproponi analiżi tal-ekwivalenza *fil-każ partikolari*, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħha.

42. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-komunikazzjoni minn qabel kienet obbligatorja taħt ir-regola tal-KDK [24], peress li din kienet tagħti lid-debitur l-okkażjoni li jinstema' u, fl-istess ħin, iffaċilitat "li l-awtorità kompetenti tkun f'pożizzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod effettiv l-elementi rilevanti kollha" [25]. Kif diġà fakkart, din il-komunikazzjoni "tinterrompi" it-terminu ta' preskrizzjoni tad-dejn doganali [26].

43. Peress li l-KDK ma jipprovdix espressament l-obbligu ta' komunikazzjoni minn qabel lid-debitur, huwa lanqas ma kien jikkontempla aspetti oħra relatati miegħu, bħall-mezzi sabiex jiġu ppreżentati osservazzjonijiet jew it-terminu sabiex jiġu ppreżentati. Dawn l-estremi kienu jikkorrispondu għad-dritt nazzjonali, fl-osservanza tal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza.

44. Il-KDU jirregola, diġà b'mod espliċitu, il-komunikazzjoni lid-debitur sabiex ikun jista' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu insostenn tal-interessi tiegħu [27]. F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-KDK (u, b'ċertu mod, bħala kontropunt għar-rikonoxximent tad-drittijiet tad-difiża) [28], l-Artikolu 103(3)(b) tal-KDU jagħti lil dan l-att tal-Amministrazzjoni l-possibbiltà ta' sospensjoni tat-terminu ta' tliet snin għan-notifika tad-dejn, li d-*dies a quo* tiegħu jikkoinċidi mal-mument tat-tnissil tiegħu. Is-sospensjoni ddum sa tmiem il-perijodu li matulu d-debitur ikollu l-opportunità li jagħmel osservazzjonijiet [29], minn dakinhar jibda jiddekorri t-terminu.

45. Fi kliem ieħor, is-sospensjoni prevista fl-Artikolu 103(3)(b) tal-KDU żżid tletin jum għat-tliet snin li, kkalkolati minn meta jiġi mnissel id-dejn doganali, jistabbilixxu l-limitu ta' żmien għan-notifika ta' dan tal-aħħar. Għalhekk, fir-realtà, issir estensjoni (limitata ħafna fiż-żmien) tat-terminu ta' preskrizzjoni estintiv tad-dritt tal-Amministrazzjoni li tillikwida d-dejn doganali [30].

46. F'din il-kawża, skont il-qorti tar-rinviju, l-Inspecteur bagħat il-komunikazzjoni lil Jumbocarry, fl-1 ta' Ġunju 2016, sabiex jinformaha li kellu l-intenzjoni jirkupra d-dejn doganali *a posteriori*, billi ffissa rata ta' 12 % għall-ħlas tagħha, u taha tletin jum sabiex tispjega l-opinjoni tagħha.

47. Kieku din kienet is-sekwenza tal-fatti, l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq tista' twassal lill-qorti tar-rinviju sabiex tibbilanċja żewġ fatturi rilevanti għat-tilwima:

– L-ewwel wieħed huwa li l-komunikazzjoni b'dan il-kontenut setgħet tkun kapaċi li tipprovdi lid-debitur informazzjoni adegwata u li tippermettilu jiddefendi d-drittijiet tiegħu b'għarfien

[24] Sentenza tat-3 ta' Lulju 2014, Kamino International Logistics u Datema Hellmann Worldwide Logistics (C-129/13 u C-130/13, EU:C:2014:2041, punti 28 *et seq*).

[25] *Ibidem*, punt 38: "Sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-persuna jew tal-impriża kkonċernata, din għandha b'mod partikolari l-għan li dawn tal-aħħar jkunu jistgħu jikkoreġu żball jew iressqu dawk l-elementi relattivi għas-sitwazzjoni personali tagħhom li jimmilitaw fis-sens li d-deċiżjoni tittieħed jew ma tittieħidx jew li jkollha kontenut partikolari".

[26] Sentenza CEVA, punt 47. Is-sentenza ssemmi l-"interruzzjoni" tat-terminu ta' preskrizzjoni, iżda, mill-kuntest, jista' jkun hemm mhux interruzzjoni fis-sens proprju (li timponi l-bidu mill-ġdid ta' dan it-terminu), iżda pjuttost "sospensjoni". L-Artikolu 221(3) tal-KDK kien jirreferi, litteralment, għas-"sospensjoni" tat-terminu għall-preżentata ta' rikors.

[27] Bħala regola ġenerali, "[q]abel tittieħed deċiżjoni li taffettwa b'mod negattiv lill-applikant, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkomunikaw ir-raġunijiet li fuqhom bi ħsiebhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom lill-applikant, li għandu jingħata l-opportunità li jesprimi l-opinjoni tiegħu f'perijodu preskritt mid-data li fiha jkun irċieva dik il-komunikazzjoni jew li fiha jitqies li jkun irċeviha" (Artikolu 22(6) tal-KDU). Ara, ukoll, l-Artikolu 29, meta d-deċiżjoni tal-awtorità doganali ma tkunx ġiet adottata fuq talba tal-persuna kkonċernata.

[28] Għalhekk, il-kwistjoni kienet li jiġi evitat li d-dejn doganali jiġi estint meta l-komunikazzjoni tkun saret kważi fil-limitu tat-terminu. Ara l-emenda 62 għall-Artikolu 91 tal-Proposta tal-Kummissjoni, Rapport dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dokument A7–0006/2013, p. 47.

[29] L-Artikolu 24(f) tal-KDU awtorizza lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tispeċifika t-tul tat-terminu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(6). L-Artikolu 8(1) tar-RDKDU stabbilixxa dan it-terminu għal 30 jum.

[30] Ara n-nota 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

sħiħ tal-kawża, fis-sens li bih is-sentenza Molenbergnatie interpretat l-Artikolu 221(3) tal-KDK [31].

– It-tieni wieħed huwa li din il-komunikazzjoni kienet twassal, ukoll b'applikazzjoni tal-Artikolu 221(3) tal-KDK, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja [32], għall-*interruzzjoni* (jew is-sospensjoni) tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin, li jibda jiddekorri mit-tnissil tad-dejn doganali.

48. It-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin kien, għalhekk, ġie sospiż (jew eventwalment interrott), kien x'kien il-kodiċi doganali applikabbli (KDK jew KDU), fid-dawl tal-komunikazzjoni tal-Inspecteur lil Jumbocarry, effetwata fl-1 ta' Ġunju 2016, jiġifieri qabel l-iskadenza ta' tliet snin mill-4 ta' Lulju 2013, id-data li fiha tnissel l-imsemmi dejn.

49. Fuq dan l-istess punt, peress li s-sospensjoni tat-terminu damet sa tmiem il-perijodu mogħti lid-debitur biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, huwa probabbli li [33], l-jum (18 ta' Lulju 2016) li fih Jumbocarry ġiet innotifikata bl-ordni ta' ħlas kienu għadhom ma skadewx, inkluż taħt il-KDK, it-tliet snin (flimkien mal-perijodu ta' sospensjoni) ta' preskrizzjoni li mad-dekorriment tagħhom id-dejn doganali jintemm.

B. Sussidjarjament, fuq id-domandi preliminari

50. Fi kwalunkwe każ, ser nipproponi risposta għad-domandi preliminari fil-każ li, wara l-analiżi taż-żewġ elementi tas-sentenza esposti iktar 'il fuq [34], il-qorti *a quo* kellha l-intenzjoni tkompli tispjega l-interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni relatati magħhom.

1. L-ewwel domanda

51. Il-qorti tar-rinviju tesprimi d-dubji tagħha dwar l-effetti *ratione temporis* ta' żewġ regoli tal-KDU li, skont l-Artikolu 288(2) tiegħu, japplikaw mill-1 ta' Mejju 2016:

– L-ewwel waħda tikkonċerna l-preskrizzjoni tad-dejn doganali (l-Artikolu 103(3)(b) tal-KDU).

– It-tieni waħda tirrigwarda l-estinzjoni ta' dan l-istess dejn (l-Artikolu 124(1)(a) tal-KDU) meta d-debitur ma jkunx jista' jiġi nnotifikat iktar skont l-Artikolu 103 tal-KDU.

52. Ir-raġunamenti tal-qorti tar-rinviju, kif ukoll l-allegazzjonijiet tal-partijiet u tal-intervenjenti fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, kienu orjentati fuq il-klassifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi bħala regoli proċedurali jew sostantivi. Jiena ma nsibx inkonvenjent li nibda l-analiżi tiegħi minn din il-perspettiva.

[31] Punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet. Bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill jaqbel li jafferma din il-possibbiltà għal sitwazzjonijiet speċifiċi (għalhekk mhux b'mod ġenerali).

[32] Punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[33] Kif indikajt fil-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, taħt il-KDK, l-iffissar tat-terminu biex isiru osservazzjonijiet tħalla f'idejn il-leġiżlatur nazzjonali, suġġett għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

[34] Skont il-Parlament, it-talba għal deċiżjoni preliminari ssir ipotetika li kieku kellha tiġi aċċettata kwalunkwe waħda minn dawn iż-żewġ elementi tas-sentenza (punt 12 tat-tweġiba tiegħu għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja).

a) In-natura proċedurali jew sostantiva tar-regoli applikabbli u l-effetti tagħhom f'din il-kawża

53. Il-partijiet u l-intervenjenti fil-kawża jirreferu għall-ġurisprudenza *klassika* tal-Qorti tal-Ġustizzja li, meta tiddeċiedi dwar l-effett *ratione temporis* ta' regoli ġodda, kemm fuq sitwazzjonijiet li jkunu għadhom fis-seħħ, kif ukoll fuq sitwazzjonijiet li jkunu diġà definittivament ikkonsolidati, tiddistingwi skont jekk dawn humiex regoli proċedurali jew regoli sostantivi (jew materjali).

54. Skont din il-ġurisprudenza, "ir-regoli tal-proċedura huma ġeneralment meqjusa applikabbli għall-kawżi kollha li jkunu pendenti meta dawn jidħlu fis-seħħ, bil-kontra tar-regoli sostantivi li ġeneralment jiġu interpretati li ma japplikawx, bħala prinċipju, għal sitwazzjonijiet li ġraw qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom" [35].

55. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat fid-dettall id-duttrina tagħha rilevanti għall-applikazzjoni *ratione temporis* fir-regoli sostantivi kif ġej: "regola ta' dritt ġdida tapplika sa mid-dħul fis-seħħ tal-att li jistabbilixxiha u […], għalkemm ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali li tnisslu u ġew definittivament konklużi qabel dan id-dħul fis-seħħ, hija tapplika immedjatament għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li bdiet taħt il-liġi l-antika kif ukoll għas-sitwazzjonijiet legali ġodda. Dan ikun differenti, u suġġett għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-atti legali, jekk ir-regola l-ġdida jkollha magħha dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni *ratione temporis* tagħha" [36].

56. Din il-ġurisprudenza [37] taċċetta ċerti sfumaturi skont iċ-ċirkustanzi. Għalhekk:

– Ir-regoli proċedurali huma, ġeneralment, applikabbli mill-jum li fih jidħlu fis-seħħ.

– Min-naħa tagħhom, ir-regoli sostantivi jaffettwaw il-pożizzjonijiet ġuridiċi definittivament ikkonsolidati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom biss jekk jirriżulta mit-termini, mill-għanijiet u mis-sistema tagħhom li tali effett għandu jiġi attribwit lilhom [38].

– L-eċċezzjoni għal din ir-regola tista' tiġi aċċettata bħala l-ipoteżi li fiha "leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li hija intiża sabiex tistabbilixxi korp ta' regoli għall-irkupru *a posteriori* tad-dazji tad-dwana, kien fiha kemm regoli ta' proċedura kemm regoli sostantivi li kienu jifformaw ħaġa waħda inseparabbli li d-dispożizzjonijiet speċifiċi tagħhom ma setgħux jiġu kkunsidrati b'mod iżolat f'dak li jirrigwarda l-effett *ratione temporis* tagħhom" [39].

[35] Is-sentenza Molenbergnatie, punt 31.

[36] Sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, O'Brien (C-432/17, EU:C:2018:879, punt 27).

[37] Hija applikabbli kemm fil-qasam doganali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1981, Meridionale Industria Salumi *et*, 212/80 sa 217/80, EU:C:1981:270, punt 9; u tad-9 ta' Marzu 2006, Beemsterboer Coldstore Services, C-293/04, EU:C:2006:162, punti 19 sa 21), kif ukoll f'oqsma oħra (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Jannar 2002, Pokrzeptowicz-Meyer, C-162/00, EU:C:2002:57, punti 49 u 50; tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-610/10, EU:C:2012:781, punt 45; u tas-7 ta' Novembru 2018, O'Brien C-432/17, EU:C:2018:879, punti 26 u 27).

[38] Sentenza tad-9 ta' Marzu 2006, Beemsterboer Coldstore Services (C-293/04, EU:C:2006:162, punt 21): "[m]adankollu, ir-regoli Komunitarji tad-dritt jistgħu jiġu eċċezzjonalment interpretati bħala applikabbli għal sitwazzjonijiet li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom safejn jirriżulta b'mod ċar mill-ifformular, mil-finalitajiet jew mill-ekonomija tagħhom li tali effett irid jiġi attribwit lilhom (ara s-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1981, Salumi *et*, 212/80 sa 217/80, Ġabra p. 2735, punt 9, tal-15 ta' Lulju 1993, Gruβa Fleich, C-34/92,, Ġabra p. I-4147, punt 22, u ta' l-24 ta' Settembru 2002, Falck *et* vs Il-Kummissjoni, C-74/00 P u C-75/00 P, Ġabra p. I-7869, punt 119)".

[39] Sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Moravia Gas Storage (C-596/13 P, EU:C:2015:203, punt 36), li tiċċita dik tat-12 ta' Novembru 1981, Meridionale Industria Salumi *et* (212/80 sa 217/80, EU:C:1981:270).

57. Jekk jiġi aċċettat l-approċċ meħud fid-deċiżjoni tar-rinviju u fl-osservazzjonijiet tal-partijiet u tal-intervenjenti fil-kawża preliminari, għandha tiġi analizzata n-natura (proċedurali jew sostantiva) tal-artikoli tal-KDU li dwarhom tirrigwarda l-ewwel domanda.

58. Ir-riżultat ta' din l-analiżi jkun favorevoli għall-konstatazzjoni tan-natura sostantiva ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jekk wieħed iżomm ma' dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Molenbergnatie. Skont din is-sentenza, l-Artikolu 221(3) tal-KDK għandu "jiġi kkunsidrat […] bħala li huwa dispożizzjoni sostantiva" [40].

59. Sabiex tikkwalifika dan l-artikolu bħala regola sostantiva, u mhux proċedurali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat l-effetti tan-nuqqas ta' komunikazzjoni (mill-awtoritajiet), fit-terminu ta' tliet snin, tal-ammont tad-dejn b'rabta mal-motivi ta' estinzjoni ta' dan id-dejn elenkati fl-Artikolu 233 tal-KDK: li minnhom iddeduċiet li, jekk jiġu ssodisfatti ċ-ċirkustanzi previsti fiż-żewġ dispożizzjonijiet, id-dejn doganali "jiġi preskritt u għaldaqstant estint" [41].

60. Tkun xi tkun l-opinjoni (duttrinali) li tista' tiġi espressa fuq dawn l-affermazzjonijet [42], il-verità hija li l-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li tikkwalifika l-Artikolu 221(3), moqri flimkien mal-Artikolu 233, it-tnejn li huma tal-KDK, bħala regola sostantiva.

61. Din il-kwalifika hija trasferibbli, mingħajr diffikultajiet kbar, għall-preċett korrelattiv tal-KDU: l-Artikolu 103(3)(b), moqri flimkien mal-Artikolu 124(1)(a) ta' dan l-istess kodiċi, għandu kontenut ekwivalenti għall-Artikolu 221(3) tal-KDK.

62. L-applikazzjoni tal-ġurisprudenza Molenbergnatie tiddetermina, konsegwentament, li, ġaladarba d-dispożizzjonijiet tal-KDU li l-interpretazzjoni tagħhom qed tintalab huma sostantivi, dawn ma għandhomx japplikaw għad-djun doganali li nħolqu qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

63. Għaldaqstant, il-projbizzjoni li jiġu applikati regoli sostantivi ġodda għal fatti li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom tapplika meta jkun hemm "sitwazzjonijiet legali li tnisslu u ġew definittivament konklużi qabel dan id-dħul fis-seħħ" [43]. Dan ma huwiex il-każ hawnhekk, fejn it-terminu ta' preskrizzjoni kien għadu qed jiddekorri.

64. Kif tirrileva ġustament il-qorti tar-rinviju, fil-kawża deċiża mis-sentenza Molenbergnatie, is-sitwazzjoni tad-debitur kienet stabbilita b'mod definittiv. B'kuntrast, id-dejn doganali ta' Jumbocarry kien għadu mhux "preskritt fl-1 ta' Mejju 2016" [44]. Għalhekk, hija żżid, "is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata hija differenti minn dik eżaminata fil-punt 41 tas-sentenza Molenbergnatie" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [45].

[40] Sentenza Molenbergnatie, punt 42. "l-Artikolu 221(3) [tal-KDK] għandu jiġi kkunsidrat, bil-kontra tal-paragrafi 1 u 2 ta' l-istess Artikolu, bħala li huwa dispożizzjoni sostantiva u ma tistax, għalhekk, tiġi applikata għall-irkupru ta' dejn doganali li nħoloq qabel l-1 ta' Jannar 1994".

[41] *Ibidem*, punt 41.

[42] Is-sentenza Molenbergnatie hija riflessjoni tajba tad-diffikultajiet għad-demarkazzjoni ta' *summa divisio* bejn regoli proċedurali u regoli sostantivi, distinzjoni li, xi kultant, tmur kontra r-rabta inevitabbli reċiproka. Fil-fatt, dak li l-Artikolu 221(3) tal-KDK jirregola direttament huma rekwiżiti (*proċedurali*) tal-komunikazzjoni lid-debitur, bħat-terminu massimu li fih għandu jitwettaq u l-effetti sospensivi tar-rikors ippreżentat, anki jekk in-notifika tardiva ta' din il-komunikazzjoni jkollha bħala konsegwenza (*sostantiva*) il-preskrizzjoni tad-dejn doganali.

[43] Ara l-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[44] Punt 4.4.3 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

[45] Punt 4.4.3, *in fine*, tad-deċiżjoni tar-rinviju.

65. Fil-fatt, mill-elementi tal-proċess jista' jiġi dedott:

– Id-dejn ta' Jumbocarry tnissel fl-4 ta' Lulju 2013.

– Fil-mument – minbarra dak tad-dħul fis-seħħ tiegħu – li fih l-Artikoli 103 u 124 tal-KDU bdew japplikaw (jiġifieri l-1 ta' Mejju 2016)[46], it-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin ta' dan id-dejn doganali ma kienx skada. Din l-iskadenza kienet isseħħ fl-4 ta' Lulju 2016 li kieku ma kienx hemm, kif fir-realtà seħħ, is-sospensjoni ta' dan it-terminu bis-saħħa tal-komunikazzjoni tal-Inspecteur (l-1 ta' Ġunju 2016).

66. Fil-qosor, is-sitwazzjoni ġuridika ta' Jumbocarry, f'dak li jikkonċerna l-preskrizzjoni tad-dejn tagħha, ma kinitx definittivament ikkonsolidata meta l-Amministrazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi ssospendiet it-terminu ta' tliet snin, billi kkomunikat fl-1 ta' Ġunju 2016 (skont l-Artikoli 22(6) u 103(3)(b) tal-KDU) ir-raġunijiet li għalihom hija kellha l-intenzjoni tinnotifika d-dejn doganali.

67. F'dan il-kuntest, inqis li ma hemmx lok li ssir oġġezzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 103(3)(b) u tal-Artikolu 124(1)(a) tal-KDU. Għalhekk, ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun fl-affermattiv.

68. Din l-istess soluzzjoni hija kkorroborata mill-kriterji konverġenti li jirriżultaw mis-sentenzi Taricco I u Taricco II. Il-Parlament għamel riferiment għall-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, u l-partijiet fil-kawża kif ukoll l-intervenjenti l-oħra fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari setgħu jesponu l-effetti tat-tnejn, fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja.

b) Effett tas-sentenzi Taricco I u Taricco II fuq din il-kawża

69. Fid-dogmatika kriminali, waħda mill-problemi tradizzjonalment kontenzjużi kienet dik li tirriżulta mill-estensjoni, permezz ta' liġi ġdida, tat-termini ta' preskrizzjoni tar-reati qabel l-iskadenza ta' dawk li kienu fis-seħħ fil-mument tat-twettiq tagħhom[47].

70. Fl-analiżi tagħha mill-perspettiva tal-prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni tar-retroattività *in peius* tal-liġijiet kriminali din l-estensjoni qajmet diffikultajiet. Tali projbizzjoni hija stabbilita fl-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

71. Meta kkonfrontati dwar dan il-punt iż-żewġ argumenti jsostnu, minn pożizzjonijiet opposti: a) li l-preskrizzjoni mibdija qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida hija rregolata mil-liġi preċedenti (*tempus regit actum*); u b) li xejn ma jipprekludi lil-leġiżlatur milli jestendi t-terminu ta' preskrizzjoni, iżda t-terminu l-ġdid (itwal minn qabel) jiġi applikat biss għal reati li jkunu għadhom ma ġewx preskritti skont il-liġi preċedenti[48].

[46] Ara l-Artikolu 288 tal-KDU, traskritt fil-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[47] Il-problema ġiet evidenzjata b'mod iktar estrem meta reati li sa dak iż-żmien kienu suġġetti għal preskrizzjoni jiġu ddikjarati, bis-saħħa ta' liġijiet ġodda, impreskrivibbli.

[48] Huwa ġeneralment aċċettat li jekk it-termini (il-qodma) ikunu diġà ddekorrew dawk previsti mil-liġi l-ġdida ma jistgħux jiġu applikati.

72. B'risposta għal waħda mid-domandi preliminari fil-kawża Taricco I, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem relatata mal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, li tistabbilixxi drittijiet li jikkorrispondu ma' dawk iggarantiti mill-Artikolu 49 tal-Karta.

73. Skont din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni u l-applikazzjoni immedjata tiegħu ma jimplikawx ksur għad-drittijiet iggarantiti mill-Artikolu 7 tal-imsemmija Konvenzjoni, peress li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi estensjoni tat-termini ta' preskrizzjoni meta l-fatti li tagħhom huma akkużati qatt ma ġew preskritti"[49].

74. L-Avukata Ġenerali Kokott, fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Taricco I, kienet iddeċidiet bl-istess mod: "[i]l-perijodu ta' żmien li fih tista' ssir il-prosekuzzjoni ta' reat jista' pjuttost jiġi emendat anki wara li jkun twettaq ir-reat, sakemm it-terminu ta' preskrizzjoni ma jkunx skada"[50].

75. Is-sentenza Taricco II ikkorroborat din il-konstatazzjoni, billi qieset ammissibbli li leġiżlatur nazzjonali "jtawwal it-terminu ta' preskrizzjoni b'applikazzjoni immedjata, inkluż għal fatti li jkunu s-suġġett tal-akkuża u li jkunu għadhom ma ġewx preskritti". Tali estensjoni, żiedet il-Qorti tal-Ġustizzja "ma [t]ippreġudikax, bħala prinċipju, il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Taricco [I], punt 57 u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iċċitata f'dak il-punt)"[51].

76. Ċertament, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li għaliha rreferew is-sentenzi Taricco I u Taricco II hija differenti minn dik inkwistjoni hawnhekk. Fil-verità ma kienx hemm estensjoni ġdida tat-terminu ta' preskrizzjoni tar-reati iżda tnaqqis li seħħ fit-tul massimu taż-żmien li fih dan it-terminu seta' jiġi interrott[52], li wassal biex "jinnewtralizzaw l-effett *ratione temporis* ta' kawża ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni"[53].

[49] Punt 57 tas-sentenza Taricco I. Ir-riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li fiha dan il-punt tinkludi s-sentenzi Coëme *et* vs Il-Belġju, Nri 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 u 33210/96, punt 149, QEDB 2000-VII, Scoppola vs L-Italja (Nru 2), Nru 10249/03, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata, 17 ta' Settembru 2009; u OAO Neftyanaya Kompaniya Yukos vs Ir-Russja, Nru 14902/04, punti 563, 564 u 570 u l-ġurisprudenza ċċitata, 20 ta' Settembru 2011.

[50] Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott (C-105/14, EU:C:2015:293, punt 120). Hija semmiet, insostenn ta' dan l-argument, is-"QEDB, sentenza tat-22 ta' Ġunju 2000, Coëme et vs Il-Belġju (rikors Nru 32492/96 *et*, Recueil des arrêts et décisions 2000-VII, punt 149)".

[51] Punt 42 tas-sentenza Taricco II.

[52] L-*interruzzjoni* ta' dan it-terminu, bħala figura ġuridika distinta mis-*sospensjoni* tiegħu, kienet tiddetermina, skont il-leġiżlazzjoni Taljana, li t-terminu jibda jiddekorri mill-ġdid mill-jum li fih ikun ġie interrott. Madankollu l-perjodu ta' interruzzjoni ma setax jaqbeż nofs it-terminu (assolut) ta' preskrizzjoni. Skont l-Artikolu 161 tal-Kodiċi Penali: ir-riforma ta' dan il-Kodiċi, permezz tal-Liġi Nru 251/2005, kienet timplika li t-tul massimu tal-perijodu ta' interruzzjoni jkun limitat għal kwart tal-perijodu ġenerali. Il-konsegwenza ta' din l-emenda leġiżlattiva kienet li, b'mod partikolari fl-investigazzjonijiet ta' reati ta' kumplessità kbira li jeżiġu investigazzjonijiet fil-fond, anki jekk it-terminu ta' preskrizzjoni jkun identiku qabel u wara l-Liġi Nru 251/2005, l-interruzzjoni kkawżata mill-proċeduri ġudizzjarji kienet titnaqqas kunsiderevolment – liema fatt kien jiffavorixxi l-impunità. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju sostniet li l-emenda, fis-sena 2005, tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi Penali, "tippermetti, wara interruzzjoni tal-preskrizzjoni, proroga tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' kwart biss tat-tul inizjali tiegħu, timplika, fil-verità, li l-preskrizzjoni ma tiġix interrotta fil-parti l-kbira tal-proċeduri kriminali" (punt 23 tas-sentenza Taricco I).

[53] Sentenza Taricco I, punt 46.

77. Huwa minnu wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja, wara t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja) fil-kawża Taricco II, ittrattat il-leġiżlazzjoni kontenzjuża minn perspettiva differenti minn dik li kienet adottat fis-sentenza Taricco I:

– Fis-sentenza Taricco I, hija analizzat l-obbligu tal-qorti Taljana li tastjeni milli tapplika, fi proċeduri kriminali għal aġir kriminali relatat mal-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud, ċerti regoli nazzjonali dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tar-reati li, flimkien mat-tul normali tal-prosekuzzjonijiet f'dan l-Istat Membru, kienu jiddeterminaw fil-prattika l-impunità tal-awturi tagħhom, għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

– Fis-sentenza Taricco II, hija kkwalifikat id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza Taricco I[54], billi analizzat id-dmir tan-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar il-preskrizzjoni (li, fl-Italja, għandhom natura sostantiva, skont il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali))[55] fir-rigward prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni[56]. Hija ċċarat ukoll il-funzjonijiet tal-leġiżlatur u tal-imħallef kriminali biex jirrimedjaw sitwazzjoni li fiha l-ordinament ġuridiku nazzjonali ma jikkonformax ruħu mar-rekwiżiti derivati mill-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni sabiex jiġu imposti sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.

78. Madankollu, id-differenzi perċettibbli bejn sentenza u oħra ma humiex riflessi f'dak li qiegħed jiġi diskuss hawnhekk: il-validità tal-applikazzjoni immedjata ta' terminu ġdid ta' preskrizzjoni, itwal minn dak preċedenti, għal fatti li għadhom ma sarux preskritti.

79. Dwar din il-kwistjoni speċifika ż-żewġ sentenzi jikkoinċidu: il-punt 42 tas-sentenza Taricco II jassumi, mingħajr riżervi, id-dikjarazzjoni li tinsab fil-punt 57 tas-sentenza Taricco I u, fl-istess ħin, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iċċitata fis-sentenza Taricco I.

80. Għaldaqstant, jekk huwa possibbli li regola ġdida ttawwal it-terminu ta' preskrizzjoni, b'effett immedjat, għal reati kriminali li għadhom ma ġewx preskritti, ikun iktar u iktar possibbli li wieħed jirrikorri għal dan il-kriterju meta tkun involuta s-sospensjoni, limitata *ratione temporis*, tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' dejn doganali (li ma għandux in-natura ta' sanzjoni) qabel ma jiddekorru t-tliet snin li, skont il-leġiżlazzjoni preċedenti, huma neċessarji sabiex dan isir preskritt[57].

[54] Skont is-sentenza Taricco I, ir-regoli nazzjonali dwar il-preskrizzjoni jeliminaw l-effettività u n-natura dissważiva tal-miżuri previsti għall-ġlieda kontra l-attivitajiet illegali li jmorru kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Minħabba f'hekk, qorti nazzjonali setgħet ma tapplikax dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali, jekk dan kien ikun indispensabbli sabiex jiġi ggarantit l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni (punti 47 u 49).

[55] Sentenza Taricco II, punt 27.

[56] Il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) enfasizzat li, "l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Taricco [I], tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tar-regola stabbilita f'dik is-sentenza mal-Artikolu 49 tal-Karta […] fir-rigward biss tal-prinċipju ta' nonretroattività [, madankollu], ma eżaminatx l-aspett l-ieħor tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, jiġifieri r-rekwiżit li l-leġiżlazzjoni dwar is-sistema ta' sanzjoni għandha tkun suffiċjentement preċiża" (punt 19 tas-sentenza Taricco II).

[57] Huwa f'sens analogu li l-Parlament jirrileva, wara li rrakkomanda l-applikazzjoni tal-punti 54 sa 57 tas-sentenza Taricco I għal din il-kawża: "ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi huma iktar stretti fil-kawżi kriminali milli fil-kawżi amministrattivi, fosthom l-irkupru ta' dejn doganali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (punt 42 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu). Il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jaqbel ma' din l-evalwazzjoni fit-tweġiba tiegħu għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja (punti 5 u 6).

2. It-tieni domanda preliminari

81. It-tieni domanda preliminari hija fformulata f'termini qosra ħafna. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, "fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda […]", l-applikazzjoni tal-Artikolu 103(3)(b) u l-Artikolu 124(1)(a) tal-KDU hijiex kompatibbli mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

82. Il-Parlament intervjena f'din il-proċedura billi qies li, permezz tat-tieni domanda tiegħu, il-qorti *a quo* "tidher" li tqiegħed fid-dubju l-validità taż-żewġ artikoli tal-KDU li dwarhom titratta l-ewwel domanda, anki jekk mhux b'mod espliċitu [58].

83. Madankollu ma naħsibx li l-qari tad-deċiżjoni tar-rinviju jippermetti li t-tieni domanda titqies li tesponi dubju dwar il-validità ta' dawn ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni. Il-qorti tar-rinviju ma tistaqsix dwar il-validità, fl-astratt, ta' dawn ir-regoli, iżda dwar l-applikazzjoni *ratione temporis* tagħhom għal każ partikolari. Huwa minnu li, fl-aħħar parti tad-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, din tirreferi għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 103(3) tal-KDU, iżda tagħmel dan pjuttost fil-kuntest taċ-ċirkustanzi uniċi tat-tilwima.

84. Id-deċiżjoni tar-rinviju tiġġustifika r-riferiment għall-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi għaliex "jista' jiġi sostnut" li, fid-data tat-tnissil tad-dejn doganali (l-4 ta' Lulju 2013), "la kien ċar u lanqas prevedibbli għall-persuna kkonċernata li l-leġiżlazzjoni doganali kienet ser tiġi emendata fil-qasam tal-irkupru u tal-preskrizzjoni […]" [59].

85. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tirrikonoxxi li bl-approvazzjoni tal-Artikolu 22(6), u l-Artikolu 29 tal-KDU l-leġiżlatur tal-Unjoni saħħaħ il-pożizzjoni ġuridika tad-debitur u tah id-dritt li jkollu perijodu biex jesponi l-fehmiet tiegħu [60]. Il-konnessjoni ta' dawn il-preċetti mas-sospensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni, matul iż-żmien biex jiġu fformulati l-osservazzjonijiet, ma timplikax tali deterjorament tas-sitwazzjoni tad-debitur li għandu jwassal għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 103(3) tal-KDU [61].

86. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, "il-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi li r-regoli tad-dritt għandhom ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u f'relazzjonijiet legali li jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni" [62].

87. Fir-rigward tad-dritt li tintalab il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan "jestendi, bħala korollarju tal-prinċipju ta' ċertezza legali […], għal kull individwu li jinsab f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-amministrazzjoni […] nisslet fih speranzi fondati. Tikkostitwixxi garanzija li tista' tnissel tali aspettattivi, irrispettivament mill-forma li fiha tiġi kkomunikata, informazzjoni preċiża, inkundizzjonata u koerenti li toriġina minn sorsi awtorizzati u affidabbli. Għall-kuntrarju, ħadd ma jista' jinvoka ksur ta' dan il-prinċipju fl-assenza ta' garanziji preċiżi li jkunu ngħatawlu mill-amministrazzjoni" [63].

58 Punt 2 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

59 Deċiżjoni tar-rinviju (punt 4.7.2).

60 Iffissat għal tletin jum skont l-Artikolu 8(1) tal-RDKDU.

61 Deċiżjoni tar-rinviju (punt 4.7.3).

62 Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 148).

63 *Ibidem*, punt 153.

88. Għaldaqstant, fl-ewwel lok, l-ebda wieħed minn dawn il-prinċipji ma jinkludi l-obbligu li l-ordinament ġuridiku jinżamm mhux mibdul matul iż-żmien. L-aspettattiva li l-leġiżlazzjoni ma tgħaddix minn tibdiliet tkun, barra minn hekk, partikolarment infondata fi kwistjoni, bħal dik doganali, li teħtieġ adattament kostanti [64]. Xhieda tajba huma l-emendi suċċessivi għall-KDK, mill-adozzjoni tiegħu fl-1992 sat-tħassir tiegħu permezz tar-Regolament Nru 952/2013. L-approvazzjoni tal-KDU kienet iġġustifikata min-neċessità "[li titqies] l-evoluzzjoni tal-liġi tal-Unjoni" [65].

89. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fis-sens espost iktar 'il fuq, ebda element mill-proċess ma jippermetti li jiġi konkluż li l-amministrazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi pprovdiet lil Jumbocarry "garanziji konkreti" fir-rigward tal-ġbir tad-dejn doganali f'mument jew ieħor.

90. Fit-tielet lok, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jeskludix li r-regoli għandhom jiġu interpretati, meta l-kontenut tagħhom juri diffikultajiet ermenewtiċi li jqajmu dubji għas-suġġetti affettwati minnhom jew li għandhom japplikawhom: preċiżament biex isolvu dawn id-dubji ġie stabbilit il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ġudizzjarja kkontemplata fl-Artikolu 267 TFUE.

91. Fir-raba' lok, l-introduzzjoni tal-Artikolu 103(3)(b) il-ġdid tal-KDU ma twassalx, fir-realtà, għal bidla fis-sitwazzjoni leġiżlattiva preċedenti. Hija tissodisfa pjuttost il-ħtieġa li tingħata ċertezza għal obbligu tal-awtoritajiet amministrattivi li diġà kien jeżisti fil-KDK, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [66], u li l-iżvilupp regolatorju tiegħu kien jaqa' fuq il-leġiżlatur nazzjonali, fin-nuqqas ta' attenzjoni speċifika għal dak tal-Unjoni.

92. F'din il-kawża, ma jistax wieħed jitkellem dwar dritt ta' debitur li d-dejn doganali jiġi estint awtomatikament u inevitabbilment mat-tliet snin tat-tnissil tiegħu, iżda pjuttost dwar aspettattiva li dan iseħħ, anki taħt ir-regoli tal-KDK fis-seħħ fil-mument tat-tnissil ta' dan id-dejn.

93. Ma kienx hemm tali dritt, nirrepeti, iżda pjuttost l-aspettattiva li tinkiseb il-preskrizzjoni, ladarba jiddekorri t-terminu ta' tliet snin, dejjem jekk dan it-terminu ma jiġix sospiż, li jkun jista' jseħħ, kemm minħabba rikors, jew minħabba att amministrattiv intiż li jikkomunika l-intenzjoni ta' rkupru tad-dejn doganali, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li jsir dan.

94. Kif sostna l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi [67], il-mument tal-estinzjoni tad-dejn doganali ma jistax jiġi stabbilit minn qabel b'ċertezza assoluta, peress li l-KDK kien fis-seħħ, minħabba li l-eventwalità ta' sospensjoni tat-terminu ta' tliet snin kienet prevista mill-Artikolu 221(3) tal-KDK, meta jiġi ppreżentat rikors fis-sens tal-Artikolu 243 [68].

95. L-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan l-Artikolu 221(3) ippermettiet li jiġi dedott li, anki taħt il-validità tal-KDK, il-komunikazzjoni tal-Amministrazzjoni kienet tinterrompi (bl-effett korrispondenti fuq il-preskrizzjoni) it-terminu ta' tliet snin għan-notifika tad-dejn doganali [69].

64 Hekk ifakkar il-Kunsill fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, punt 46.

65 Premessa 2 tal-KDU.

66 Ara l-interpretazzjoni tal-artikoli korrispondenti tal-KDK mogħtija mis-sentenzi Molenbergnatie u CEVA, iċċitati fil-punti 38 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 Punt 58 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

68 Konformement mal-Artikolu 243(1) tal-KDK, "[k]ull persuna għandu jkollha d-dritt li tappella kontra deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet doganali li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' leġislazzjoni doganali, u li tinteressa lilha direttament u individwalment".

69 Punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

96. Fil-ħames lok, kif tenfasizza ġustament il-qorti tar-rinviju, l-estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni, permezz tas-sospensjoni inerenti għall-komunikazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 103(3)(b) tal-KDU, hija direttament marbuta mal-opportunità offruta lid-debitur li jinstema' qabel ma l-awtorità doganali tieħu deċiżjoni sfavorevoli għall-interessi tiegħu.

97. Din ir-regola tiggarantixxi l-bilanċ bejn id-dritt tad-debitur li jinstema' u l-interess finanzjarju tal-Unjoni. In-neċessità ta' tali bilanċ lanqas ma hija novità tal-KDU u l-loġika li l-komunikazzjoni amministrattiva tissospendi t-terminu ta' preskrizzjoni kienet teżisti preċedentement.

98. Fis-sitt lok, anki jekk l-estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni, minħabba l-effetti sospensivi tal-komunikazzjoni nnotifikata lid-debitur, setgħet tiġi kklassifikata bħala "novità" meta mqabbla mas-sistema tal-KDK fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2013 (meta tnissel id-dejn ta' Jumbocarry), l-applikazzjoni immedjata tal-Artikolu 103(3)(b) tal-KDU, mill-1 ta' Mejju 2016, lanqas ma tippreġudika ċ-ċertezza legali, fl-aspett tagħha ta' ċertezza fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli.

99. Kull operatur doganali diliġenti jista jkun jaf l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà *ratione temporis* tar-regoli proċedurali, kif ukoll dawk sostantivi fir-rigward tal-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet ġuridiċi li għadhom ma ġewx ikkonsolidati. Din il-ġurisprudenza hija stabbilita u tmur lura, fil-qasam doganali, għall-1981[70].

100. L-applikazzjoni immedjata tal-Artikolu 103(3)(b) tal-KDU tippermetti, fl-aħħar mill-aħħar, l-ugwaljanza fit-trattament ta' kull importatur li d-dejn tiegħu ma kienx ġie estint, bi preskrizzjoni, fid-data ta' applikabbiltà sħiħa tal-KDU, kemm jekk ikun tnissel qabel kif ukoll wara dan il-mument. Mill-1 ta' Mejju 2016, kollha għandhom id-dritt li jinstemgħu fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(6) tal-KDU, għall-istess ammont ta' żmien, ikkalkolat bl-istess mod.

V. Konklużjoni

101. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi lill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

"L-Artikolu 103(3)(b), u l-Artikolu 124(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, huma applikabbli għal dejn doganali li tnissel qabel l-1 ta' Mejju 2016 u li t-terminu ta' preskrizzjoni tiegħu kien għadu madankollu ma skadiex f'din l-aħħar data, mingħajr ma din l-applikazzjoni tippreġudika l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi".

[70] Sentenza tat-12 ta' Novembru 1981, Meridionale Industria Salumi *et* (212/80 sa 217/80, EU:C:1981:270).